# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

NOVEMBRU 2019 – Ħarġa Nru: 175



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## X'SE JSIR MINNA?!!

F'Ottubru li għadda saret laqgħa fis-Seminarju tal-Arċisqof għad-diretturi tal-abbatini u anke għal dawk li jgħinuhom. Waqt id-diskussjoni, punt komuni kien: kemm in-numru tal-abbatini qed jonqos mill-knejjes tagħna, tista' tgħid fil-parroċċi kollha. Diġà għandna parroċċi bla abbatini xejn!




Dan il-fatt nistgħu nattribwuh għal diversi raġunijiet: in-numru dejjem jonqos ta' tfal fil-familji; l-impenji tat-tfal f'attivitajiet extra-kurrikulari; l-attenzjoni qawwija tal-ġenituri fuq l-edukazzjoni ta' wliedhom bil-privatijiet; il-fatt li ħafna mit-tfal jgħixu 'l bogħod miċ-ċentri tal-parroċċi tagħna, u tant oħrajn.

**Diffikultajiet**

Nistgħu ngħidu li barra li qed ikun diffiċli biex niġbdu abbatini għas-servizz fil-knejjes tagħna, qed ikun diffiċli wkoll biex jitwaqqfu gruppi ta' żgħażagħ minħabba l-impenji tagħhom fl-istudji u l-isports; biex issib katekisti ġodda anke fiċ-ċentri; koppji mexxejja għall-korsijiet ta' tħejjija għaż-żwieġ; diffiċli biex tħajjar nies għall-korijiet parrokkjali jew fil-Liturġija; diffiċli biex issib nies jaħdmu fl-oqsma tad-djakonija; biex iqassmu l-fuljetti parrokkjali... dan, tista' tgħid, jinħass fl-oqsma kollha tal-parroċċi tagħna.

Għalkemm wieħed irid jirrikonoxxi li l-familji tagħna llum huma kollha mimlijin b'ħafna xogħol u impenji, tajjeb nifhmu li jekk il-fidi tagħna mhix se tiġi trażmessa lill-ġenerazzjonijiet li telgħin, din tista' tgħib minn pajjiżna! Il-fidi tgħib mhux għax jiġu fostna nies li jappartjenu 'l xi reliġjon oħra, iżda jekk aħna l-Kattoliċi noqgħodu lura u ma nirsistux f'dak li nemmnu!

Forsi meta wieħed jiġi avviċinat biex jagħti sehemu f'xi ħidma partikulari tal-parroċċa, speċjalment jekk dan ikun għadu jrabbi, l-ewwel rejazzjoni x'aktarx tkun "le"!. Imma jekk wieħed jagħmel eżerċizzju biex isaffi l-ħajja tiegħu minn ħafna attivitajiet li jista' jgħaddi mingħajrhom u jmur għall-essenzjal, ikun kapaċi jsib ħin aktar għalih innifsu, għall-familja u anke għall-komunità.

**Sodisfazzjon**

Forsi ftit nirrejalizzaw li meta wieħed jagħti parti minn ħinu f'ħidma għall-oħrajn, jirċievi ħafna aktar milli jagħti! Meta naqsmu ħinna mal-oħrajn, nindunaw kemm ikollna sodisfazzjon personali u kemm nimmaturaw fl-attitudnijiet tagħna. Din l-esperjenza, meta neħduha magħna d-dar, tgħinna naraw ir-rejaltà tal-ħajja minn lenti oħra. Nidraw ma

nkabbrux il-problemi tagħna aktar milli jkun meħtieġ u nħossuna aktar kalmi!

Irridu nammetu li aħna qed insiru "merħla ċkejkna" kif sejħilna Ġesù. B'daqshekk ma jimpurtax. Nafu li żmien il-masess spiċċa. Anke Ġesù qatt ma kkonċentra fuq il-masess iżda fuq l-appostli u d-dixxipli. Il-gwaj ikun jekk il-membri ta' din "il-merħla" ma jmiddux għonqhom għax-xogħol ħalli l-fidi li suppost inqisuha bħala "teżor" ma nżommuhiex għalina biss imma nwassluha lil oħrajn biex tibqa' ħajja.

**Kuraġġ**

F'idejna mela. Jalla ta' warajna ma jikkundannawniex għax ma bżajniex għal dak li rċevejna mingħand ta' qabilna. Minflok ma l-fidi tagħna naħbuha taħt is-sodda biex iddawwal fejn inkunu aħna biss, ejjew nqegħduha fuq il-fuklar biex tidher u ddawwal lil min jiġi fil-viċinanza tagħha!

Ejjew, mela, inkunu ġenerużi mal-Mulej u mal-komunitajiet tagħna!

***Dun Evan***

# ĠBIR LI SAR FI ŻMIEN IL-FESTA...

| | € |
|---|---|
| Ġabra Ħruġ min-Niċċa | 2,180 |
| Envelopes mid-Djar | 7,093 |
| Mill-Kaxxa quddiem tal-Grazzja waqt in-Novena | 5,184 |
| Ġabra fis-Santwarju fil-jumejn tal-festa | 2,715 |
| Donazzjonijiet għad-Damask | 12,784 |
| Donazzjonijiet għall-Isqof Giovanni Cefai tal-Perù | 3,080 |
| Ammonti fil-Fond tal-Karità bħalissa: | 6,800 |

Nirringrazzjakom mill-qalb għall-ġenerożità tagħkom f'dawn il-jiem. Nixtieq, nagħmel appell iżda, biex jekk jista' jkun, **intejbu l-ġbir tal-week-ends**. Kif tistgħu taraw, barra l-ispejjeż kurrenti, inkunu għaddejjin b'ħafna proġetti ta' manutensjoni matul is-sena. Dawn ikunu jistgħu jsiru kemm-il darba jkollna l-fondi meħtieġa. Għalhekk nappella lil kulħadd biex jagħmel l-almu tiegħu fil-ġbir speċjali u anke dak ta' tmiem il-ġimgħa.

L-Arċipriet

## X'JAGĦMILNA NINTGĦARFU...?!

"IN-NISRANI għandu fih paci silenzjuża u moħbija. Huwa bniedem ferħan, faċli tagħmilha miegħu, qalbu tajba, ġentili, jitkellem ċar, ta' manjieri, bla pretensjonijiet. M'għandu xejn li mhux normali jew li jispikka fih. B'din l-imġieba, id-dinja bil-kemm ma tħarisx lejn in-nisrani bħala bniedem ordinarju".



**Il-Kardinal John Henry Newman, ikkanonizzat fit-13 ta' Ottubru 2019**

Il-kobor tan-nisrani jinsab filli jwettaq "dak kollu li hu ordinarju b'mod straordinarju", kif kienet tgħid qaddisa oħra kbira, Madre Tereza ta' Kalkutta.

# FIEX TISTA' TAGĦTI SEHEMEK ...

Kull nisrani tajjeb jifhem li bil-magħmudija, irċeva wkoll **missjoni**. Jiġifieri aħna ma nistgħux ngħidu li aħna nsara jekk nattendu biss għall-quddiesa tal-Ħadd u nieħdu sehem f'xi attivitajiet tal-Knisja u nieqfu hemm. Il-missjoni ta' kull mgħammed hi, li (1) nixhdu għall-Mulej Ġesù bil-ħajja u l-imġieba tagħna li tkun taqbel mal-Vanġelu (2) inħaddmu t-talenti tagħna biex inġibu 'l quddiem is-Saltna ta' Ġesù fuq din l-art.

Dak li ma jistax jagħmlu Ġesù għax jinsab mal-Missier, jeħtieġ nagħmluh aħna. Hu jtina l-Ispirtu Qaddis tiegħu biex jinkuraġġina; il-Kelma tiegħu biex tidderiġina; l-Ewkaristija biex issostnina u tibdilna fih; il-Komunità biex fiha nwettqu l-ħidma tagħna.



Ħidma fil-parroċċa għal min jixtieq jagħti sehemu ħalli s-Saltna tal-Mulej tkompli sseħħ fostna:

Formazzjoni

* Katekisti
* Spjega tal-Kelma t'Alla lit-tfal fil-quddies tal-weekend
* Ħidma fost iż-żgħażagħ
* Koppji-Mexxejja fil-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ
* Ħidma fost ġenituri li se jgħammdu t-tarbija
* Tqassim ta' *Leħen is-Santwarju*

Liturġija:

* Abbatini
* Letturi
* Animaturi
* Koristi fil-kor parrokkjali
* Fratelli

Djakonija:

* Għajnuna lill-grupp tal-anzjani u anke żjarat fi djarhom
* Għajnuna lil min jinsab fil-bżonn: tqassim ta' ikel
* Ħsieb tar-romol

Kura tat-Tempju:

* Tindif
* Maintenance
* Armar, speċjalment fil-festi liturġiċi

Festa Titulari:

* Kura tal-armar matul is-sena
* Armar fi-toroq kif toqrob il-festa u żarmar

Fund-Raising

* Għajnuna fix-xogħol tal-ħelu
* Għajnuna waqt it-tombla tal-Ħadd
* Bazaars

Min jaħseb li jista' jgħin f'wħud minn dawn il-ħidmiet, javviċina lil xi membru tal-kleru.

| INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM |
| --- |
| Godwin Psaila (76), Felicia Delia (73), Rosina Camenzuli (70), Anthony Fava (66), P. Alfred Baldacchino OFM.Cap (79). |

## NILTAQGĦU NHAR … NOVEMBRU 2019

**Ġimgħa 1:** **Solennità tal-Qaddisin kollha**. Fis-6.00pm quddiesa bil-kant u l-omelija. Qabel il-quddiesa purċissjoni mal-knisja fejn tingħata qima lill-korpi u xbihat tal-Qaddisin.
**Sibt 2:** **L-Għid tal-Imwiet**. Quddies isir kull nofs siegħa bl-ewwel waħda tkun fis-6.00am u l-aħħar waħda fit-8.30am. Inħallu quddiesa tispiċċa qabel nidħlu għall-oħra. Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudjiet. Fis-6.15pm Konċelebrazzjoni bit-tberik tal-oqbra li jinsabu fil-knisja.
**Ħadd 3**: **Il-31 Ħadd ta' matul is-sena**. Fl-4.00pm quddiesa u tberik tal-oqbra fiċ-ċimiterju tal-Madonna tal-Ħniena tal-parroċċa.
**Tnejn 4:** San Karlu Borromeo, isqof – Tifkira O
**Ġimgħa 8:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni b'suffraġju għas-saċerdoti mejtin li ħadmu fil-parroċċa.
**Sibt 9:** Id-Dedikazzjoni tal-Bażilika tal-Lateran – Festa.
**Ħadd 10:** **It-32 Ħadd ta' matul is-sena**
**Tnejn 11:** San Martin ta' Tours, isqof – Tifkira O. Bejn illum u l-Ħadd 17 ta' Novembru se jkun hawn fostna, **il-kwadru pellegrin tal-Madonna ta' Pinu**.
**Tlieta 12:** San Ġosafat, isqof u martri – Tifkira O
**Ħadd 17:** **It-33 Ħadd ta' matul is-sena**
**Ħamis 21**: Il-Preżentazzjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija – Tifkira O. Mil-lum jibda BAZAAR fis-sala Ragħaj it-Tajjeb b'risq il-parroċċa.
**Ġimgħa 22**: Santa Ċeċilja, verġni u martri – Tifkira O. Fis-6.30pm Koncelebrazzjoni fl-okkażjoni tat-tielet ċentinarju mill-mewt ta' **San Ġwann Battista de la Salle** – Fundatur tal-Fréres.
**Sibt 23**: Fil-5.00pm quddiesa mmexxija minn Mons. Arċisqof li fiha jigi amministrat **is-Sagrament tal-Griżma**. Il-quddiesa tal-5.00pm issir fis-sala Notre Dame.
**Ħadd 24:** **Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu**. Fl-10.00am quddiesa minn Mons. Arċisqof li fiha jiġi amministrat **is-Sagrament tal-Griżma**. Il-quddies tal-10.15am u tal-11.30am isiru fis-sala Notre Dame.
**Sibt 30:** Sant'Andrija, appostlu – Festa. Filgħaxija ssir il-liturġija tal-**Ewwel Ħadd tal-Avvent**.

# REJALTÀ KIEFRA...

"QEGĦDIN NARAW fi żmienna, kif l-ikel m'għadux aktar mezz ta' għixien imma wkoll mezz għall-qirda tal-bniedem. 820 miljun ruħ mill-popolazzjoni dinjija qed isofru l-ġuħ, filwaqt li 700 miljun għandhom piż żejjed – vittmi ta' dieti ħżiena. Minħabba nuqqas ta' dieti tajbin, l-imwiet jiżdiedu mhux biss minħabba "l-eċċess" ta' ikel li ħafna drabi jwassal għal dijabete, mard tal-qalb u forom oħra ta' mard, imma wkoll minħabba "n-nuqqas" bħal ma qed juru ż-żjieda fl-imwiet kkawżati mill-anorexia u l-bulimja.




Din ir-rejaltà qed issejjħilna għal konverżjoni fil-mod kif ngħixu u naġixxu... u l-konsum tal-ikel huwa punt ta' tluq tajjeb għal dan!"

Minn messaġġ tal-Q.T. il-Papa għall-***Jum Mondjali tal-Ikel***, 16 ta' Ottubru, 2019.
Għall-messaġġ kollu tista' taċċessa: Holy See, Messages by the Pope.